Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 20 ta' Gunju 2024**

**Kump. Nru. 746/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Versus**

**Ibrahim Flej (256424A)**
**Ismael Rajih (226719A)**
**Kacem Al Flieg (227657A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Ibrahim Flej**, detentur ta' dokument ta' identifikazzjoni bin-numru 256424A;

U kontra **Ismael Rajih**, detentur ta' dokument ta' identifikazzjoni bin-numru 226719A;

U kontra **Kacem Al Flieg**, detentur ta' dokument ta' identifikazzjoni bin-numru 227657A.

Akkuzati talli nhar is-6 ta' Frar 2024, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13:00hrs) gewwa Triq Patri Magri, Hamrun u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Saoud Mahmoud;

2. Xewxu gemgha ta' nies, illi hekk imxewxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat;

3. Hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar minn nies jew aktar, migburin, bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm din il-gemgha ma kienetx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-gemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel fil-fatt sar;

4. Qalu fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor offendew il-morali, l-imgieba xierqaj ew id-decenza pubblika;

5. Kissru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni involuti billi tapplika l-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti tal-artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija biex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-*parte civile* ddikjara bil-gurament li mhux ser jixhed fil-konfront ta' l-imputati stante li jistgha jinkrimina ruhu u rrinunzzja ghal dak kollu rinunzjabbli.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2024, id-Difiza ddikjarat li l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax stante li l-*parte civile* ma xehedx fil-konfront tal-imputati, filwaqt li l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha.

Rat illi l-imputati, fl-istess seduta tal-4 ta' Marzu 2024, irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati, debitament assistiti mill-konsulent legali taghhom tennew li huma hatja tal-imputazzjonijiet numri tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi numri tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi l-imputati regghu tennew ammissjoni ghall-imputazzjonijiet numri tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba fil-konfront taghhom, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi numri tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed **tillibera lill-imputati mill-ewwel (1) imputazzjoni** u wara li rat Artikoli 7, 31, 68(1)(2)(3) u 338(bb)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-**imputati hatja ta' l-akkuzi numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba kontrihom** u ai termini tal-**Artikolu 22 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jwettqux reat iehor fi zmien **tlett (3) snin millum.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**